**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt


# Seduta numru 47 tas-Sitt Leġislatura
# Illum it-Tlieta 21 ta' Awwissu 2012

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Evalwazzjoni Tenders u Kwotazzjonijiet
5. Festa Santa Marija 2012
6. Affarijiet Mixxellanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Giovanni Gatt u il-Kunsilliera Maria Said, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

**1 Minuti**
*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**2 Korrispondenza**

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.4 Ġiet diskussa ittra mingħand Transport Malta fejn fiha il-Kunsill ġie mitlub jinforma liema toroq residenzjali qatt ma saru u li l-Kunsill jixtieq idaħħalhom fl-iskeda ta' xogħlijiet. Il-Kunsill iddiskuta dawn u ħareġ bil-lista segwenti :

- Sqaq Vitale;
- Triq iż-Żebbiegħ li tinfed ma' Triq Sir Temi Zammit;
- parti minn Triq Papa Piju XII (bejn Triq iċ-Ċagħa q u Triq il-Majjistral_
- Triq il-Konkors Teatrali li tisbokka fi' Triq San Pietru
- Triq Sir Harry Luke , ġdejn Triq Ġorġ Zammit li tieħu għall-Triq il-Ġnejna
- Triq mingħajr isem fiż-Żebbiegħ.

Transport Malta ser tiġi infurmata b' dawn it-toroq.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku informa li kien irċieva talba sabiex titwaħħal traffic-mirror fi' Triq il-Banjijiet Rumani. Il-Kunsill iddeċieda li din kien hemm bżonnha u li kellha tiġi ordnata u installata.

**4. Evalwazzjoni Tenders u Kwotazzjonijiet**

4.1 Wara li fl-aħħar seduta kienu ġew diskussi id-diversi sejħiet għall-Kwotazzjonijiet u Tenders u peress li l-Kunsill kien qed jistenna direzzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Loklai, id-diskussjoni tkompliet f' din is-seduta.

- **Tender MGR 2012/03** - Servizz ta' *Accontant* mal-Kunsill u **Tender MGR 2012/04** – Il-parir legali min-naħa tad-Dipartment wasal u ġie diskuss. Fl-ewwel każ, il-parir ta' Dr Angele Vella LLD kien dan:

*Segretarju Eżekuttiv,*
*wara konferma mid-Direttur Dipartiment tal-Kuntratti s-Sur Anthony Cachia, nikkonferma illi jekk il-kuntratt ħareġ għall-3 snin l-ammont komplut tat-3 snin irid jittieħed in konsiderazzjoni u għaldaqstant jekk jaqbeż l-ammont li jirrikjedi bid bond, din tal-aħħar għandha tingħata. . Fit-tieni każ jekk l-*

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt


*ammont tat-3 snin kien inqas mill-ammont li jirrikjedi l-bid bond, m'hemmx bżonn bid bond.Grazzi tal-koperazzjoni.*

Aktar tard, il-Kunsill irċieva wkoll ir-riposta tas-Sa. Cynthia Misokova mill-Ministeru tal-Intern, li kkonfermat:
*Qed nikkopja lid-Direttur halli jekk qed nghid xi haga hazina jikkoregini.*

*Jekk id-Dipt tal-Kuntratti qieghed jghid bic-car li suppost kien hemm bank guarantee u anke fit-tender doc hekk qieghed jintqal jekk il-bidders ma tefghux bank guarantee jigu awtomatikament skalifikati ghax gew li ma obdewx ir-rekwiziti tad-dokument.*

Għaldaqstant, wara diskussjoni bbazzata fuq dawn iż-żewġ rakkomondazzjonijiet, Il-Kunsill qabel unaninamament li jaċċetta l-offerta tas-Sur Daniel Galea għall-Tender MGR 2012/02 – Servizz ta' Accountant mal-Kunsill, filwaqt li jilqa' t-talba tas-Sur Louis Padovani għall-Tender MGR 2012/04 – Servizz ta' bini u manteniment ta' Fixed-Asset Register.

- **Tender MGR 2012/05** - Servizz ta' manutenżjoni tal-aperturi tal-injam tal-bini tal-uffiċċju amministrattiv : Peress li ma irċevix l-ebda' offerta, il-Kunsill ser jerġa' joħroġ sejħa oħra għall-offerti.

    - **Kwotazzjoni MGR 2012/K8 -** Aperturi tal-aluminium għad-Day–Care Centre fil-Bini tal-Uffiċċju Amministrattiv : Il-Kunsill, wara lio ma rċieva l-ebda' kwotazzjoni għall-din is-sejħa, ikkuntatja diversi kumpaniji li jagħmlu dan ix-xogħol u rċieva tnejn : FrameGrip u ????. Peress li dawn iż-żewġ offerti kien simili ta' xulxin, il-Kunsill qabel li x-xogħol jinqasam fuq it-tnejn.

    - **Kwotazzjoni MGR 2012/K10 -** Servizz ta' ipprintjar ta' materjal għall-amministrazzjoni tal-Kunsill: Il-Kunsill irċieva offerta waħda mingħand Gutenberg Press Ltd, li iżda ma tkoprix il-bżonnijiet kollha tal-Kunsill hekk kif spjegati fis-sejħa. Gutenberg Press Ltd ser jintuża prinċiparjament għall-ipprintjar tar-rivista 'Il-Miġbħa' kif ukoll għall-posters u fliers għat-tqassim.

## 6. Festa Santa Marija 2012

6.1 Il-Kunsill iddiskuta l-andament tal-festa. Is-Sindku informa dwar in-nuqqas ta' ftehim li seta' kien hemm fil-ġranet ta' qabel mal-organizzattur tal-festa. Is-Sindku semma' kif il-kuntrattur taż-żebgħa tat-toroq kellu jagħmel xogħol fil-ġimgħa ta' qabel, imma minħabba raġunjiet li l-Kunsill ma kellux kontroll fuqhom, ix-xogħol sar fis-16 ta' Awwissu. Il-Kunsill ddikkjara li fl-ebda' mument

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

u bl-ebda mod ma pprova ixxekkel l-andament tal-festa anzi ħadiem bis-sħiħ biex il-festa tkun okkażżjoni ta' ħidma fejjieda bejn il-partijiet kollha konċernati.

6.2 Dwar ir-reallokazzjoni tal-gabbani tal-ikel, is-Sindku informa li fuq insistenza tal-Kappillan u tal-Kumitat tal-Festa, se jsiru diskussjonijiet bejn il-partijiet sabiex jiġu esplorati possibilitajiet ta' ċaqliq għas-sena d-dieħla fl-aħjar interess ta' kulħadd.

**7. Affarijiet Mixxellanji**

7.1 Maria Said rrappurtat tappiera fi' Triq il-Kbira ftit l-isfel mill-ispizjar li qed tagħmel ħafna ħsejjes x' ħin jgħaddu il-karozzi minn fuqha. Id-Dipartiment konċernat ser jiġ mgħarraf.

7.2 Maria Said emmiet ukoll li kien hemm bozza fi' Triq Lazzru Pisani li kienet tintefa' ta spiss.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fit-8 :05pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta, 18 ta' Settembru fil-5.30pm, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku